**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Dicembru, 2020**

**Mandat Nru: 1332/2020 AF**

**FooDrinks Concepts Limited, numru tar-registrazzjoni ittra 'C', numri sebgha, erbgha, sebgha, tlieta, zero (C-74730), bl-indirizz registrat "One80 Kitchen & Lounge", numru tletin (30), Triq il-Wied ta' Ruman, Mellieha**

**vs**

**Half Way Inn Company Limited, numru tar-registrazzjoni ittra 'C', numri tmienja, zero, hamsa, disgha, (C-8059), bl-indirizz registrat numru tletin (30), Tas-Sellum, N/S off Marfa Road, Mellieha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' FooDrinks Concepts Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet lil din il-Qorti zzomm lil Half Way Inn Company Limited milli tbiegh, titrasferixxi, tnehhi jew tiddisponi jew tghabbi l-fond kummercjali "One 80 Kitchen

& Lounge" già bl-isem "Half Way Inn", Nru. 30, Triq il-Wied ta' Ruman, Mellieha.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Half Way Inn Company Limited.

Semghet lid-difensur.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Rat l-Art. 873 u l-gurisprudenza fil-kuntest.

Doveruz jigi enfasizzat illi fi proceduri ta' din ix-xorta kull ezami li taghmel il-Qorti jibqa' limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. L-iskrutinju profond tal-vertenza jibqa' rizervat ghal dik il-Qorti li tigi adita bil-kawza fil-mertu.

Inoltre, jigi senjalat ukoll illi s-success jew telfien f'dawn il-proceduri jhalli totalment impregudikat il-mertu tal-kwistjoni, u dan precizament ghaliex digriet mahrug f'dawn il-proceduri jinhareg abbazi ta' dak li jidher mad-daqqa t'ghajn u essenzjalment ghandu effett provizorju sakemm tigi finalment deciza l-vertenza.

Dan premess jidher illi r-rikorrenti ssejjes it-talba taghha fuq dritt li ssostni li tgawdi u li jemana minn skrittura bejn il-partijiet ffirmata fl-1 ta' April 2016 u li in forza taghha Half Way Inn Limited tat lis-socjetà rikorrenti d-dritt li taghzel li takkwista l-fond b'kundizzjonijiet ga miftehma fl-istess kuntratt, li permezz tieghu FooDrinks Concepts Limited nediet il-process biex tuzufruwixxi mid-dritt taghha li takkwista però l-intimata baqghet ma resqitx ghall-konvenju.

Is-socjetà intimata tirribatti illi l-iskrittura tal-1 ta' April 2016 effettivament titqies konvenju u bhala tali ma jista' jkollha ebda effett legali. Galadarba ma gietx debitament registrata u t-taxxa mhallsa skond il-ligi. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, n-natura tal-iskrittura u l-effetti taghha huma

kwistjonijiet li jridu jigi mistharrga fil-mertu. Kif intqal aktar 'il fuq, din il-Qorti hija kostretta ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, f'dan il-kaz klawsola li tidher taghti jedd ghall-akkwist. Oltre minn dan jibqa' rizervat ghall-kawza.

L-intimata donna mbaghad tittenta tixhet dubbju fuq l-identità u l-kapacità tar-rikorrenti li tintavola dawn il-proceduri. Il-Qorti ma tifhimx minn fejn seta' jemana dan id-dubbju meta qeghda tagixxi l-istess socjetà firmatarja tal-iskrittura *de quo*, rapprezentata mill-istess zewg persuni li kienet rapprezentata minnhom fuq l-iskrittura. Ir-rikors odjern gie konfermat bil-gurament mill-istess Rouvin Zammit Apap u Jesmond Vella.

Finalment il-Qorti tqis ukoll li t-tieni l-ilment li trid il-ligi kif kostantement interpretata minn dawn il-Qrati, cioè l-pregudizzju rrimedjabbli, jissussisti. Il-mandat jirrigwarda immobbli partikolari u bhala tali kieku kellu jigi b'xi mod trasferit il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fuqu jigu eluzi definittivament. Il-kawza ghad-danni ma tistax iggib lura r-ristorant.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' FooDrinks Concepts Limited kif kontenuta fir-rikors taghha tat-30 ta' Settembru 2020. Il-Qorti tordna lir-Registratur jeffettwa r-registrazzjoni ta' dan id-digriet skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF